MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-1 ta' April, 2014

Numru 946/2009

Il-Pulizija

(Spettur Jessica Grima)

vs

Taziana Grech

Francis k/a Tarcisio Galea

Christopher Bezzina

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputati, Taziana Grech ta' karta tal-identita' numru 641949M, kontra Francis k/a Tarcisio Galea ta' karta tal-identita' 289358M u Christopher Bezzina ta' karta tal-identita' 28278M akkuzati talli:

1. Taziana Grech fil-kapacita taghha ta' general manager ta' Ramla Bay Resort u lil Tarcisio Galea fil-kapacita tieghu ta' direttur tal-kumpanija Holden Development Company Limited, u lil Christopher Bezzina bhala impjegat fl-istess lukanada, talli nhar l-20 ta'

Mejju 2008 ghall-habta tat-3.00pm fir-Ramla Bay Resort Marfa l/o Mellieha, b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni taghhom jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti kkagunaw offiza ta' natura gravi u ta' dizabilita' permanenti f'ghajn il-leminija ta' Francis Zarb hekk kif ccertifika t-tabib Jan Janula MD tal-isptar Mater Dei ai termini tal-Artikoli 225 u 216 (1)(a)(b) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;.

2. ukoll talli nhar l-20 ta' Mejju 2008 ghall-habta tat-3.00pm u fix-xhur ta' qabel fir-Ramla Bay Resort naqsu milli jharsu s-sahha u sigurta' tal-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu affetwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqsu milli jiehdu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini tal-Artikoli 6 (1)(2) u 7 (1) tal-Att 27/2000, Kap 424;
3. Taziana Grech u Tarcisio Galea wahedhom akkuzati talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu u ta' kull persuna li tahdem ghal rasha, naqsu milli jaghmlu, jew li jizguraw li ssir, evalwazzjoni xierqa, sufficjenti u sistematika tal-perikli ghas-sahha u s-sigurta' kollha li jistghu jkunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-attivita' tax-xoghol. Dawn l-evalwazzjonijiet ghandhom jikkunsidraw r-riskji ghas-sahha u s-sigurta tal-haddiema u tal-persuni li jahdmu ghal rashom li ghalihom ikunu esposti waqt ix-xoghol, inkluz dawk li jzuru l-post tax-xoghol, liema riskji jirrizultaw mix-xoghol imwettaq, jew in konnessjoni mieghu, jew mit-tmexxija tal-impriza u dan ai termini tal-Artikolu 10(1) tal-AL 36/03;
4. Akkuzati wkoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu hames haddiema jew iktar, naqsu milli jzommu fil-pussess taghhom kopja bil-miktub jew li tista' tinkiseb b'mod elettroniku dawn l-evalwazzjonijiet u li jizguraw li jkunu aggornati regolarment u dan ai termini tal-Artikolu 10(2) tal-Al 36/03;
5. Akkuzati wkoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, talli fil-kapacita taghhom ta' persuni li jhaddmu, jizguraw li kull taghmir protettiv personali jkun ihares id-disposizzjoni specifikata fi Skeda 2 tal-Ordni u jizguraw li fejn hemm il-presenza ta' iktar minn riskju wiehed tehtieg li l-haddiem jilbes fl-istess hin iktar minn oggett wiehed ta' taghmir protettiv personali, dak l-apparat ikun kompatibbli u li jibqa' jkun effettiv kontra r-riskju jew riskji involuti. Naqsu ukoll li jistabilixxu l-kundizzjonijiet ta' uzu ta'taghmir protettiv personali, b'mod partikolari ghalkemm hin ghandu jintlibes, skont il-bazi tas-serjeta tar-riskju, il-frekwenza ta' kemm bniedem ikun espost ghar-riskju, il-karatteristici tal-post tax-xoghol ta' kull haddiem u l-operazzjoni tat-taghmir protettiv personali u jizguraw ukoll li jekk ic-cirkostanzi jehtiegu li taghmir protettiv personali jintlibes minn aktar minn persuna wahda tiehu l-mizuri kollha xierqa biex jizguraw li dan l-uzu ma johloq l-ebda problema ta'sahha jew igjene ghall-utenti differenti. Naqsu milli jizguraw li dan it-taghmir jinghata minghajr ebda hlas minn min ihaddem u jizguraw li dan it-taghmirikun jiffunzjona tajjeb u jkun f'kundizzjoni igenika tajjba permezz tal-manutenzjoni, it-tiswijja, u t-tibdil ta' bicciet mehtiega. Naqsu milli jaraw li qabel il-haddiem juza taghmir protettiv personali javzawh dwar ir-riskji li t-taghmir ikun qed iharsu kontriehom. Naqsu ukoll li jizguraw li jigi kkonsultat ir-Rapprezentant ghas-Sahha u Sigurta' tal-Haddiema u dan ai termini tal-Artikoli 4, 5, 6, 7, 8, 10(1)(2), 11 u 17 tal-AL 121/2013;
6. Akkuzati wkoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, fil-kapacita taghhom ta' persuni li jhaddmu naqsu li jaghmlu arrangamenti xierqa ghall-ippjanar effettiv, organizaazzjoni, kontroll, monitoragg u revista tal-mizuri preventivi u protettivi u dan sabiex tigi zgurata

s-sahha u s-sigurta' fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini tal-Artikoli 4 (1)(2)(3), 5 (i)(ii)(iii), u 12 (i)(ii)(iii) ta' AL 36/03;

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li stante l-Artikoli tal-Ligi citati bghat lill-imputati biex jigu ggudikati minn dina l-Qorti dwar il-htija jew nuqqas taghha;

Semghat il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat l-akkuzi verbali;

Billi skond kif iddikjara l-ufficjal prosekutur stante li l-imputati nghataw piena amministrattiva ghab-bazi ta emmendi recent fil-ligi b'daqstant , illi l-akkuzi minn numrun 2 sas-sitt wahda mhux aktar prosegwibbli kriminalment.

Ikkonsiderat:

Illi l-provi fir-rigward tal-ewwel akkuza ma jwasslux ghall-prova taghha.

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tillabera fuq din l-ewwel akkuza u tiddikjara procediment esawrit, fuq il-bqija,

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------